*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 18,122, 7 ta' Settembru, 2007*
*Taqsima D*

**K.L.B.L. 59/5/2007**

**ATT DWAR KUNSILLI LOKALI**
**(KAP. 363)**

***Bye-Laws* ta' l-2007 dwar Kontroll tal-Ħamiem**
**(Kunsill Lokali Sliema)**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 33, 34, 35(8) u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Sliema għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:-

**1.1.** It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* ta' l-2007 dwar Kontroll tal-Ħamiem (Kunsill Lokali Sliema). Titolu u bidu fis-seħħ.

**1.2.** Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

**2.** F'dawn il-*Bye-Laws*, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:- Tifsir.

"l-Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Sliema;

"ħamiem domestiku" tfisser ħamiem li jkun miżmum f'post ta' abitazzjoni jew xi post ieħor għal skop ta' rikreazzjoni, passatemp jew sport;

"ħamiem selvaġġ" tfisser ħamiem li ma jkunx ħamiem domestiku;

"lokalità" tfisser il-lokalità ta' Sliema kif tidher fit-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att.

**3.1** F'kull parti tal-lokalità hu projbit li persuna titma' ħamiem selvaġġ. Mhux permess li persuna titma' ħamiem selvaġġ.

**3.2** Hu projbit ukoll li persuna tħalli, b'mod volontarju, ikel f'postijiet aċċessibbli għall-ħamiem selvaġġ.

**3.3** Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma japplikawx għal dawk il-persuni li jrabbu jew jieħdu ħsieb ħamiem domestiku.

Proprjetà immobbli abbandunata.

**4.** Il-proprjetarji ta' proprjetà immobbli ġewwa l-lokalità li ma tkunx abitata, għandhom jiżguraw li l-imsemmija proprjetà tkun imbarrata b'tali mod li ma jkunx jista' jidħol jew ibejjet ħamiem selvaġġ ġewwa fiha.

Penali.

**5.1** Kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn il-*Bye-Laws* tkun ħatja ta' kontravvenzjoni u tista', meta tinsab ħatja, sakemm ma tkunx applikabbli piena ogħla taħt xi liġi oħra teħel:-

**5.1.1** għall-ewwel kontravvenzjoni, ammenda ta' għoxrin lira (Lm20);

**5.1.2** għat-tieni kontravvenzjoni jew għal kull kontravvenzjoni oħra li tiġi wara, ammenda ta' tletin lira (Lm30); u

**5.1.3** fil-każ ta' kontravvenzjoni kontinwata, ammenda ta' ħames liri (Lm5) għal kull jum li matulu tkompli għaddejja l-kontravvenzjoni.

**L.C.B.L. 59/5/2007**

## LOCAL COUNCILS ACT
## (CAP. 363)

## Control of Pigeons (Sliema Local Council) Bye-Laws 2007

IN exercise of the powers conferred by articles 33, 34, 35(8) and 60 of the Local Councils Act, the Sliema Local Council has made the following Bye-Laws:–

Citation and commencement.

**1.1.** The title of these Bye-Laws is Control of Pigeons (Sliema Local Council) Bye-Laws 2007.

**1.2.** These Bye-Laws shall come into force one month after their publication in the Gazette.

Interpretation.

**2.** In these Bye-Laws, unless the context otherwise requires:–

"the Act" means the Local Councils Act;

"the Council" means the Sliema Local Council;

"domestic pigeons" means pigeons which are kept in a residential place or in some other place for the purpose of recreation, hobby or sport;

"locality" means the Sliema locality as shown in the Second Schedule to the Local Councils Act.

"wild pigeons" means pigeons which are not domestic pigeons.

The feeding of wild pigeons by any person is prohibited.

**3.1** The feeding of wild pigeons in any part of the locality is prohibited.

**3.2** It is also prohibited for any person to voluntarily leave food in places which are accessible to wild pigeons.

**3.3** The provisions of this article do not apply to those persons who keep or take care of domestic pigeons.

Abandoned immovable property.

**4.** The owners of abandoned immovable property within the locality shall ensure that the said property be sealed in such a manner that no pigeons may enter in or make nests therein.

Penalty.

**5.1** Any person who fails to comply with any of the provisions of these Bye-Laws shall be deemed to have committed a contravention and shall, on conviction, be liable unless a higher penalty is applicable under any other law:–

**5.1.1** for a first contravention to a fine (*ammenda*) of twenty liri (Lm20);

**5.1.2** for a second or subsequent contravention, to a fine (*ammenda*) of thirty liri (Lm30); and

**5.1.3** in the case of a continuing contravention, to a fine (*ammenda*) of five liri (Lm5) for each day that the contravention continues.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
Lm0.08 (€0.19)